# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR.DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' Lulju 2001**

**Citazzjoni numru 6l9/98 GC**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**SMK Marketing Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:-

Illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti, u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telfon bejn is-socjeta konvenuta SMK Marketing Limited u t-Telemalta Corporation (Ara Dokument A), is-socjeta konvenuta hija debitrici versu is-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' elf seba mija u erba u hamsin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lml754.42) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 44l377;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez in konnessjoni mal-kera ghas-srvizz tat-telefon u sejhiet maghmula bit-telefon, kif indikati fil-prospett anness (Dokument B);

Illi minkejja li interpellata thallas l-ammont dovut is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta konvenut m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrici;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

l) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikoli l67 et sequentia tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2) tiddikkjara lis-socjeta konvenuta debitrici versu s-socjeta attrici fis-somma ta' elf seba mija u erba u hamsin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lml754.42); u

3) tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf seba mija u erba u hamsin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lml754.42) rapprezentanti kera, servizz u spejjes dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 44l377 ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l5 ta' Dicembru, l997, u bl-imghaxijiet legali kalkolati mid-data tal-kontijiet relattivi kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf seba mija u erba u hamsin lira maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lml754.42) rapprezentanti kera, servizz u spejjes ohra dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 44l377 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali kalkolati mid-data tal-kontijiet relattivi;

Spejjez kontra is-socjeta konvenuta.